**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA'  LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLETIN                    15TA' DIĊEMBRU, 2021**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier is-Sinjura Marisa D'Amato infurmat li ma tistax tattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **30.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 30.1.1 | | L-ittra ta' appoloġija tal-Kunsillier Marisa D'Amato ġiet approvata. Dok 1 mehmuż. |
| **30.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 30.2.1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa x'sar mil-laqgħa li s-Sindku u l-Kunsillier Joseph D'Amato għamlu ma' Infrastructure Malta. Ġie infurmat li IM għandha fil-pjanijiet tagħha li tagħmel it-Triq Zakkarija Ronkali fiż-żmien li ġej, imma ma tagħtx dati. |
| | | |
| | | |
| 30.2.2 | | Fir-rigward ta' punt 29.2.6 fuq il-punt ta' klassijiet tal-yoga, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ma kellix iżjed stimi ta' postijiet li huma tajbin biex jospitaw yoga classes, barra din taż-Żurrieq FC li intalbet is-somma ta' 25Euro għal kull sezzjoni. Hi staqsiet lill-Kunsill kemm ser jiddeċiedi li jagħmel il-ħlas li għandha tħallas kull persuna li tattendi, jekk hux 5Euro/6Euro li dawn jingħataw lill-Kunsill għal kull sezzjoni u l-Kunsill iħallas għall-instructor u għas-sala. Il-Kunsillier Joseph |

| | | |
|---|---|---|
| | | D'Amato ma qabilx mas-sitwazzjoni u qal li l-ftehim tal-Kunsill ma kienx hekk. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħjar li l-Kunsill jistenna lill-Kunsillier Dino Bonnici li ressaq din il-roposta biex jattendi għas-seduta. |
| | | |
| 30.2.7 | | Ġew approvati l-minuti tad-disgħa u għoxrin - il seduta. |
| | | |
| ***30.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 30.3.1. | | Is-Sindku Rita Grima, nfurmat li mil-fun run tal-Community Chest Fund, inġabru 72,255Euro u l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq ġabar 2800Euro, minnhom. HI qalet li ż-Żurrieq kien wieħed mill-aktar li ġabar fondi.<br><br>Is-Sindku qalet li sar it-tiżjin tal-Milied ġdid fi Triq Dun Ġużepp Zammit, Triq Wied Babu u Triq P P Saydon li intlaqa tajjeb ħafna mir-residenti. Hi ssuġeriet biex għal sena oħra jiżdied dawl ġdid f'postijiet oħra. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kuntrattur li qed jieħu ħsieb id-dawl tal-Milied ta' Vjal il-Blue Grotto, informa li mhux qed tkun vijabbli għalih li jibqa jieħu ħsieb id-dawl fi Vjal il-Blue Grotto, minħabba l-ħsara li qed ikun hemm fil-cables meta jħokku maz-zokk ta' palm. Kien hemm qbil li jsir kuntatt ma' kunsilli oħra li għandhom il-palm imżejjen bħal taż-Żurrieq, u nagħtu parir lill-kuntrattur biex jimxi bħalhom. |
| | | |
| 30.3.2 | | F'dan il-ħin daħlu fis-seduta l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillier Dino Bonnici. (ħin 17:50) |
| | | |
| ***30.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 30.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li :<br>• kuntent li xi ħaġa li kien ippropona hu fuq dawl tal-Milied ġdid fi Triq P P Saydon, saret u intlaqgħet tajjeb mill-pubbliku.<br>• Hemm siġar tar-rand mejjet fi Vjal ix-Xarolla k/m Vjal il-Blue Grotto.<br>• Hemm bżonn li titnaddaf is-central strip ta' Triq il-Qrendi u s-soft areas oħra madwar iż-Żurrieq.<br>• Tindif fi Triq Matteolo Saliba mhux qed isir- qal li ilha xahrejn ma tinkines u li qed issir vendikazzjoni fuqu għax mhux qed tinkines. |
| | | |
| 30.4.2 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri staqsa fuq il-kwistjoni tal-gabbani tal-festa. Inqrat l-email li irrisponda l-avukat għaliha. Kien hemm qbil li dan il-punt ikun fuq l-aġedna li jmiss. |
| | | |
| 30.4.3 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard, semgħet li l-akwata tal-iscouts ser jiġi żviluppat u ma tibqax tal-iscouts. Hi ssuġġeriet li l-Kunsill jitlob biex l-art tingħata lill-Kunsill u tali art tingħata bħal ma ingħatat l-fire point lill-għaqdiet tal-festi. Kien hemm |

| | | |
|---|---|---|
| | | qbil fuq dan, u li għandu jibda l-proċess biex jiġi ssalvagwadjat il-headquarters tal-iscouts.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li f'Kunsilli preċedenti, l-Kunsill kien kellem lid-dipartiment tal-artijiet biex l-art tkun tal-Kunsill u l-iscouts marru huma għand id-Dipartiment u d-Dipartiment ta lilhom. |
| | | |
| 30.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li :<br>• fiż-Żurrieq qed ikun hawn problema ta' dawl maqtugħ fit-toroq. Dan qed isir repetutament. Għandha ssir pressjoni mal-Enemalta fuq dan.<br>• Feraħ lill-kunsillier Kyle Mifsud fuq l-attivita' ta' father Christmas u fuq id-dawl tal-Milied. |
| | | |
| 30.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• Siġra mejta fi Vjal il-Blue Grotto hekk kif tidħol fiż-Żurrieq.<br>• It-tikħil tat-torri tal-ġibjun qed jaqgħa, biex isir il-manutenzjoni tiegħu.<br>• Fuq it-talba li l-Kunsill irċieva mingħand persuna li qed jitlob permess biex jerġa jtella wirja tal-Ġimgħa l-Kbira ġewwa l-Mitħna tax-Xarolla fil-ġranet mid-9 sal-15 ta' April, qal li l-persuna ma kitbitx minn x'ħin sa x'ħin ser tintuża, u hemm diversi affarijiet li tħallew nieqsa mill-applikazzjoni. Il-Kunsill irid jagħti l-kundizzjonijiet kollha tal-bye law lil kull persuna li tapplika għal kull attivita' li ssir. Wara li l-applikazzjoni timtela kollha għandha terġa titressaq għall-approvazzjoni. Hu talab biex issir laqgħa ħalli jinbidlu xi affarijiet fil-bye law eżistenti. Kien hemm qbil li f'din il-laqgħa tkun preżenti ukoll l-Kunsillier Tiffany Ann Attard. |
| | | |
| 30.4.6 | | F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv spjegat dak li intqal fil-bidu tas-seduta fuq punt 30.2.2.<br>Wara diskussjoni kien hemm qbil l-Kunsill iħallas liż-Żurrieq FC għal kirja tas-sala għas-sezzjonijiet tal-yoga u lill-instructor tal-yoga u li l-persuni li ser jattendu għas-sezzjoni jħallsu 6euro kull sezzjoni u jintrabtu li jħallsu għal 5 sezzjonijiet bil-quddiem. |
| | | |
| 30.4.7 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• irringrazzja lis-Sindku talli l-ħitan ta' Triq il-Qrendi ittellgħu illum, wara li waqgħu bil-maltemp<br>• żewġ membri mill-klabb tal-ħamiem taż-Żurrieq rebħu bħal champions tal-Klabb u saru champions ta' Malta ukoll. Kien hemm qbil li jingħataw rikonoxximent.<br>• Staqsa kif saret Triq Dun Ġuzepp Zammit. Is-Sindku qalet li kien hemm xi ħsarat fi Triq Dun Guzepp Zammit u wara diskussjonijet saret it-triq kollha u |

| | | |
|---|---|---|
| | | issa ser issir il-venda tal-karozzi tal-linja ukoll. Hi infurmat li t-triq saret minn Infrastructure Malta u l-Kunsill ma ħallas xejn. |
| | | |
| 30.4.7 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li :<br>• Fi Triq il-Qroll u fi Triq Nardu Sacco hemm bulky refuse mgħormi barra.<br>• Inġabru 525Euro waqt il-mixja li saret tard filgħaxija u ingħataw b'xirja ta' ħrieqi u deterġenti u xirja ta' ikel lis-Sorijiet tan-Nigret.<br>• Tkellem fuq il-ħajt li waqa fil-kunvent, is-Sindku qalet li ħadet lill-ħaddiema tal-Clean Malta fil-kunvent u infurmatha li ser isewwu fi żmien qasir.<br>• F'April is-sotto kumitat qed jissuġġerixxi li ssir treaure hunt. Min ser jipparteċipa jħallas u min jirbaħ jieħu l-premju mill-fondi li jibqa. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***30.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 30.5.1 | | Tressqu u ġew approvati r-rapport annwali amministrattiv 2021 u r-rapport Estimi Annwali għas-sena 2022, li tressqu ukoll fil-laqgħa annwali tal-Komunita. |
| | | |
| **30.5.2** | | **Laqgħa Annwali tal-Lokalita'** |
| | | |
| **30.5.2** | | Għal-laqgħa annwali ma attendewx persuni mil-pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-rapport annwali. |
| | | |
| ***30.6*** | | ***Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa*** |
| | | |
| ***30.7*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 30.7a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• biex issir bollard fi Sqaq numru 3 fi Triq il-Karmnu. Kien hemm qbil li titpoġġa pjanta milli hemm fil-viċin.<br>• Biex issir 'U' bar fi Triq il-Kbira quddiem il-banka tal-lottu. Kien hemm qbil fuq dan. Jekk hemm inqas minn metru spazju ta' bankina ma għandix issir.<br>• Biex isir bank fejn bus stop fi Triq il-Barrieri. Ma kienx hemm qbil.<br>• Ilment fuq ilmijiet li joqgħodu fi Triq il-Qrendi. Ma hemmx soluzzjoni għal din il-problema. Triq il-Qrendi m'hilix li saret bit-tarmak. Din is-sena għamel ħafna ilma.<br>• Biex issir bankina dejqa fi Triq San Gwann. Ma kienx hemm qbil għax it-triq dejqa wisq.<br>• Ilment għax Triq Filippu Farrugia fis-sena 2012 kienet saret taqleb lejn ir-residenti. IL-każ ta' l-ilma ta' din is-sena kien esaġerat u kulħadd kellu xi inkonvenjent.<br>• Persuna qed tallega li għamlet ħsara lill-vettura tagħha meta għaddiet minn ħofra fi Triq il-Kbira fit-28 ta' Novembru fl-10.30am. Din il-persuna marret tagħmel |

| | | |
|---|---|---|
| | | rapport l-għassa fl-1 ta' Diċembru. Ir-ritratti li ittieħdu huma tal-ħofor mimlija bit-tarmak. Ma kienx hemm qbil li jitħallas għax ir-rapport ma sarx dak il-ħin tal-aċċident.<br>• Persuna qed titlob li torganizza car boot sale fi Triq Hal Far. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni sakemm ikollha l-permessi meħtieġa mill-entitajiet ikkonċernati. |
| | | |
| 30.7a.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta'persuni/kumpaniji li għandhom jagħtu xi flus lill-Kunsill imma dawn iridu jitqiesu bħal bad debtors għax ilhom żmien pendent, għalkemm il-Kunsill kien bagħtilhom kemm -il darba biex iħalsu. Kien hemm qbil li tali persuni jitqiesu bħala bad debtors. **Dok 2 mehmuz.** |
| | | |
| **30.7a** | | **Tender: Embelishment of area surrounding Xarolla Windmill in Zurrieq. XWM6701/22** |
| | | |
| 30.7a.1 | | Ser toħroġ tender biex isir embelishment madwar il-Mitħna tax-Xarolla.<br>Kien hemm qbil li l-aġġudikaturi tat-tender ikunu – Il-Perit tal-Kunsill u l-Kunsilliera Joseph D'Amato u Tiffany Ann Attard.<br>It-tender ser tagħlaq fl-10 ta' Jannar 2022. |
| | | |
| ***30.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI, TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 30.8.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Reġjun Nofsinhar numru 54. |
| | | |
| ***30.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 30.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta' **€ 59,565.41**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Tiffany Ann Attard u Dino Bonnici. |
| | | |
| ***30.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 30.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-19:35. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa ta' 26ta' Jannar, 2022, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 26 ta' JANNAR 2022

IFFIRMAT IFFIRMAT
Rita Grima Josianne Cilia Mumford
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**